# POST IS-SEMINARISTI FIS-SEMINARJU BISS?



"Jiena Gabriel Vella, mill-Parroċċa tal-Qala, u ninsab fit-tielet sena tal-formazzjoni tiegħi. Bħalissa qed intemm l-esperjenza pastorali tiegħi fil-Parroċċa taż-Żebbuġ u fil-Fondazzjoni OASI, fejn kont inservi għal dawn l-aħħar sentejn. Nistqarr li l-esperjenza mar-residenti tal-OASI bidlitli l-mod ta' kif inħares lejn persuni li jispiċċaw vittmi tad-droga, tax-xorb jew tal-logħob tal-azzard. L-esperjenza fil-Parroċċa taż-Żebbuġ laqqgħetni ma' grupp sabiħ ta' abbatini li kompla jgħinni nagħraf l-importanza ta' dawn il-gruppi li fihom hemm possibbiltajiet kbar li jinbtu qlub iħobbu lil Kristu u lesti jingħataw għalih."



"Jisimni Franklin Micallef, u ġej mill-Parroċċa Ta' Kerċem. Qiegħed l-ewwel sena s-Seminarju u din is-sena qed inwettaq ħidma pastorali fil-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesù, fil-Fontana. Prinċipalment il-ħidma tiegħi ngħin lill-Kappillan fit-tmexxija tal-grupp tal-abbatini u tal-adolexxenti, fejn ikollna laqgħa għal kull grupp darba fil-ġimgħa. Matul is-sena organizzajna diversi ħarġiet, fosthom mawriet sa Malta, *treasure hunts* u mixjiet. Nieħu sehem ukoll fil-quddies billi ndoqq il-kitarra mal-grupp tal-parroċċa. Hija esperjenza li laqqgħetni ma' realtajiet ġodda fejn stajt nibda npoġġi fil-prattika dak li nistudjaw dwaru fis-Seminarju."



"Jien Matthew Bajada, u qiegħed fit-tielet sena tal-formazzjoni fis-Seminarju. Għal dawn l-aħħar sentejn, fil-*weekends* wettaqt esperjenza pastorali fil-Parroċċa tax-Xagħra. Din kienet tinkludi laqgħat tal-vokazzjonijiet lill-istudenti tal-Forms 1 u 2 fi ħdan il-grupp tal-abbatini, animazzjoni fil-Komunità Ewkaristika fi ħdan il-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu, għajnuna lill-grupp tal-abbatini tal-parroċċa, u żjajjar lil xi anzjani tal-parroċċa. Għalija dawn kienu kollha esperjenzi li komplew jgħinuni nagħraf aktar l-imħabba ta' Alla u nwassalha lill-oħrajn."



"Jiena Matthew Borg, mill-Parroċċa tax-Xagħra u ninsab fl-ewwel sena tal-formazzjoni tas-Seminarju. Matul din is-sena qed naqdi fil-Parroċċa tal-Munxar, fejn fost l-impenji li għandi, nieħu ħsieb il-grupp tal-abbatini, kif ukoll nattendi għal xi laqgħat tal-Leġjun ta' Marija kif ukoll dawk tal-għarajjes. Kien hawn li jien aktar skoprejt li qiegħed inservi f'parroċċa mhux biss biex nagħti, imma wkoll sabiex nitgħallem."



"Jiena Joseph Bajada, mill-Parroċċa tax-Xagħra u ninsab fit-tieni sena tal-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri. Bħala parti mill-formazzjoni li nirċievu fl-istess Seminarju, f'Settembru li għadda ġejt assenjat għal sentejn mis-Seminarju fil-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb sabiex hemmhekk nagħmel esperjenza pastorali. Din l-esperjenza li qed nagħmel tlaqqagħni ma' diversi realtajiet preżenti fil-parroċċa, fosthom il-grupp tal-abbatini, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ, il-koppji u l-miżżewġin, il-morda u l-anzjani, u diversi realtajiet oħra. Din l-esperjenza pastorali hija verament ta' għajnuna għalija sabiex inkompli nagħraf dejjem aktar Alla xi jrid minni! Hija esperjenza li fiha jien mhux biss qiegħed nagħti s-servizz u l-ħin tiegħi, iżda wkoll qiegħed nirċievi ħafna!"

Ir-*Ratio Fundamentalis Institutionis Sacerdotalis* "Id-Don tal-Vokazzjoni Saċerdotali", li tagħti l-orjentamenti għall-programm ta' formazzjoni tal-kandidati għas-saċerdozju, tistqarr li l-formazzjoni kollha fis-Seminarju għandha għan pastorali, fis-sens li trid tifforma s-saċerdoti ta' għada biex isiru xebh ta' Kristu, ir-Ragħaj it-Tajjeb li jaqdi u jagħti ħajtu għall-Poplu tiegħu. Is-seminarista jitgħallem u jitħarreġ irawwem fih l-istess sentimenti ta' Kristu. Flimkien mal-formazzjoni umana, akkademika u spiritwali – li lkoll għandhom orjentament pastorali – is-Seminarju jagħti wkoll importanza lill-formazzjoni strettament pastorali. Dan isir kemm fis-Seminarju stess, permezz ta' tagħlim apposta u ta' esperjenzi pastorali li s-seminaristi jagħmlu fil-parroċċi tagħna fi tmiem il-ġimgħa, u kemm permezz ta' diversi esperjenzi qawwija ta' ħidma pastorali u ta' volontarjat fiż-żmien tas-Sajf, kemm f'pajjiżna u kemm barra minn xtutna.


sem&u

Ġunju 2018
Ħarġa nru 9

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt


Kemm hemm seminaristi bħalissa? F'dawn l-aħħar sentejn li ilni Rettur, din hija waħda mill-aktar mistoqsijiet frekwenti li jagħmluli. In-numri u l-istatistika huma importanti. Dan l-aħħar il-Knisja f'Malta, u anki xi parroċċi f'Għawdex, għamlu stħarriġ dwar in-numru ta' nies li nhar ta' Ħadd jieħdu sehem fil-quddiesa. Huwa minnu: in-numri huma sinjal ta' dak li jkun qed jiġri fis-soċjetà. In-numru jiċkien ta' persuni li jieħdu sehem fil-quddiesa tal-Ħadd jindika li qed jikber in-numru ta' nies li ma tantx għadhom iqisu lil Alla bħala essenzjali fil-ħajja tagħhom. Ħafna minnhom jaslu biex jgħidu li jemmnu f'Alla, u saħansitra jidentifikaw ruħhom bħala Kattoliċi, imma ma jarawx il-bżonn li jgħixu l-impenn tat-twemmin tagħhom. F'paragun ma' ftit għexieren ta' snin ilu, in-numru tas-seminaristi huwa ċkejken u joffri punt ta' riflessjoni fuq kif inkomplu naħdmu ħalli nxettlu l-fidi tagħna ħalli jkollna Knisja li tħeġġeġ sabiex wieħed jagħti ħajtu b'ġenerożità lil Alla li jsejjaħ.

Il-Grupp Djoċesan tal-Vokazzjonijiet u l-kappillani u arċipreti tagħna jagħmlu l-almu tagħhom sabiex joħolqu ambjent li jgħin l-opra tal-vokazzjonijiet. Ma' dawn ninkludi wkoll lis-saċerdoti ta' kull età li bl-eżempju tagħhom iqanqlu fi qlub iċ-ċkejknin u l-adolexxenti tagħna l-mistoqsija "Għalfejn ma nkunx bħalu?...", li taf tkun il-bidu tal-iskoperta tas-sejħa li Alla jkun żera' f'qalbhom. Magħhom hemm dawk il-familji li jrawmu lil uliedhom fl-imħabba u l-għożża tal-Vanġelu, u lil bosta persuni li ta' kuljum joffru talb u jagħmlu sagrifiċċji għal din l-intenzjoni. Meta djoċesi jkollha numru sabiħ ta' seminaristi, dan ikun sinjal ta' Knisja li hija ħajja u żagħżugħa, għax kif jistqarr il-Papa Franġisku, "fejn hemm il-ħajja, il-ħeġġa, ir-rieda li Kristu jasal għand l-oħrajn, jitqanqlu vokazzjonijiet ġenwini" (*Il-Ferħ tal-Vanġelu*, 107). Għalhekk irridu nibqgħu nitolbu u naħdmu għall-vokazzjonijiet saċerdotali, ta' ħajja kkonsagrata u missjunarja. F'għaqda magħhom jeħtieġ li nkomplu nitolbu għall-familji tagħna u għal dawk imsejħa għaż-Żwieġ Nisrani, għax dawn huma ġeneralment il-benniena fejn tiġi mgħallma dik l-għożża u l-imħabba ta' Alla li ssawwar qlub li jkunu lesti jwieġbu lill-Mulej.

Iżda spiss, meta nwieġeb lil dak li jkun saqsieni u ngħidlu n-numru, wara li jkun għadda xi kumment fuq kemm naqsu l-vokazzjonijiet, dlonk iżid jgħid li "aħjar ftit u tajbin" jew "l-importanti mhux il-kwantità imma l-kwalità". Il-kwalità nistgħu ngħidu li hi l-wiċċ l-ieħor tal-istess medalja. Missierna l-Papa jwissi li "mhux kull motivazzjoni hi tajba biex biha nimlew is-seminarji, wisq u wisq inqas jekk dawn il-motivazzjonijiet huma marbuta ma' nuqqas ta' sigurtà affettiva, jew mat-tiftix ta' għamliet differenti ta' poter, glorja umana jew ġid ekonomiku" (*Il-Ferħ tal-Vanġelu*, 107). Għal din ir-raġuni l-proposta formattiva li noffru lis-seminaristi tagħna trid tkun waħda esiġenti u impenjattiva kif titlob l-istess imħabba ta' Kristu minn kull min jixtieq ikun dixxiplu tiegħu, jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu ta' kuljum u jimxi warajh (ara Lq 9:23). Minħabba f'hekk, ix-xewqa biex ikollna aktar vokazzjonijiet hija msieħba minn impenn sabiex nakkumpanjaw b'serjetà u responsabbiltà lil dawk li jkunu qed jagħmlu dixxerniment fuq il-vokazzjoni tagħhom. Dan isir dejjem għall-ġid tal-istess seminarista u tal-Poplu ta' Alla nnifsu li jeħtieġ ragħajja li jkunu skont il-qalb tar-Ragħaj it-Tajjeb.

Fi tmiem ta' din is-sena ta' formazzjoni, nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lilkom ilkoll, benefatturi tas-Seminarju tagħna, li bit-talb u l-għajnuna tagħkom tgħinuna nikbru fil-qdusija u fl-għotja tagħna nfusna lil Alla.

**Dun Richard N. Farrugia**
*Rettur tas-Seminarju*



Saret **laqgħa ta' formazzjoni** mit-tabiba Josette Rapa fejn tkellmet dwar il-prevenzjoni tal-kanċer (11.04.18).

Fl-okkażjoni tal-**55 Kungress tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla**, is-seminaristi żaru xi skejjel u għaddew messaġġ lill-istudenti (12.04.18).

Ingħata bidu għall-kors dwar **it-teorija tal-ġeneru** li ġie organizzat mis-Seminarju u li għalih seta' jattendi kull min kien interessat (12-.04.18).



L-**istudenti tal-Forms 4 u 5 tal-Grupp Vokazzjonali tad-Djoċesi** ngħaqdu mas-seminaristi għal mument ta' talb fis-Seminarju u wara għall-ikel (17.04.18).

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Vokazzjonijiet, is-seminaristi tal-ewwel u tat-tieni sena qasmu l-**esperjenzi vokazzjonali** tagħhom mal-gruppi tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jiltaqgħu fl-Oratorju Don Bosco (20.04.18).



Nhar il-Ġimgħa 27 u s-Sibt 28 ta' April, fis-Seminarju sar seminar dwar ***Public speaking skills***. Dan tmexxa minn Dr Joseph G. Agius.

Il-Komunità tas-Seminarju ngħaqdet mas-Saċerdot novell Dun Giovann Tabone fil-**Quddiesa ta' Radd il-Ħajr** għad-don tas-Saċerdozju (28.04.18).

Is-seminaristi kellhom l-opportunità li jżuru l-**Mużew tal-Katidral** fejn Mons. Dr Joseph Bezzina tahom tagħrif interessanti (09.05.18).

**Ġew fi tmiemhom il-laqgħat tal-ministeri** – laqgħat ta' formazzjoni għas-seminaristi li kienu jsiru kull nhar ta' Erbgħa. Din is-sena ttrattaw il-virtù tat-tama u ċ-ċelibat. Il-komunità raddet ħajr 'l Alla permezz ta' quddiesa (23.05.18).

Sar **pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu** u fi tmiemu quddiesa fejn id-djaknu Joseph Hili għamel il-**wegħdiet** tiegħu bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali (19.05.18).

Mas-sebħ tal-Ħadd 20 ta' Mejju tħabbret **il-mewt ta' Patri Arthur Vella SJ**, li bejn l-1985 u l-1989 serva bħala Rettur tas-Seminarju tagħna. Il-komunità tagħna ngħaqdet mal-familjari u l-ħbieb ta' Patri Arthur fil-funeral li sar fir-Rotunda tal-Mosta nhar il-Ħamis 24 ta' Mejju.



L-**istudenti tal-Grupp Vokazzjonali tad-Djoċesi** ngħaqdu mas-seminaristi għal mument ta' talb fil-Kappella u għall-ikel (29.05.18).

**Ġie fi tmiemu t-tieni semestru** u għaldaqstant fl-ewwel ġimgħat ta' Ġunju s-seminaristi kellhom l-eżamijiet (30.05.18).

Fil-grawnd tas-Seminarju Minuri saret **Velja ta' talb** bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali. L-adorazzjoni kompliet mal-lejl fil-Kappella tas-Seminarju (14.06.18).

Mons. Isqof Mario Grech ordna lid-djaknu Joseph Hili (mix-Xagħra) bħala **presbiteru** fil-Katidral (15.06.18).

**Is-sena ta' formazzjoni 2017-2018 ġiet fi tmiemha** permezz tal-quddiesa għall-familjari, immexxija minn Mons. Isqof (19.06.18). Wara dan, is-seminaristi bdew il-**vaganzi tas-sajf**. F'dan il-perjodu huma jistrieħu, iqattgħu aktar ħin mal-familji tagħhom, ikunu preżenti aktar fil-parroċċi, u jagħmlu xi esperjenzi ta'



**Il-Komunità tas-Seminarju tawgura lil Dun Giovann Tabone MSSP fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Presbiterali tiegħu.**
***Ad multos annos!***



d. **Joseph Hili**



**Dun Joseph, kif tħossok issa li ġejt ordnat saċerdot?**
Ovvjament inħossni kuntent ħafna u hu żmien ta' ħafna gratitudni lejn Alla u lejn diversi persuni. Huma mumenti partikolari ħafna. F'dawn il-mumenti qed nipprova nidra ritmu ta' ħajja ġdida, imma huma mumenti sbieħ fejn nipprova nkun disponibbli għan-nies.

**X'ħajrek l-iktar biex taqbad din it-triq?**
Kienu ħafna affarijiet li għenuni u ħajruni biex naqbad din il-linja. Kelli ħafna kurżità nara x'inhi din l-esperjenza tas-Seminarju. Kien l-eżempju sabiħ u l-ferħ li kont nara fis-seminaristi u f'ċerti saċerdoti li kont niltaqa' magħhom li ħajjarni wkoll biex nagħmel dan il-pass. Imma naħseb dak li ħajjarni l-iktar kien ġibda biex nagħmel xi ħaġa għall-oħrajn u nkun ta' servizz għall-oħrajn. Niftakar li r-raġunar tiegħi kien: "Ħa nipprova, u mbagħad naraw", għax fil-veru sens tal-kelma s-Seminarju ma jagħlaqlek l-ebda bieb fil-ħajja, pjuttost jiftaħlek ħafna aktar.

**Kif kienet l-esperjenza tiegħek fis-Seminarju?**
Kienet esperjenza kontinwa ta' laqgħa mal-imħabba ta' Alla. Fis-Seminarju l-ewwel u qabel kollox sirt naf aħjar lili nnifsi, u biex nimxi 'l quddiem ridt naċċetta lili nnifsi kif jien u bl-għajnuna ta' ħafna mezzi u persuni nħares 'il quddiem. Imbagħad is-Seminarju jlaqqgħek ma' diversi persuni u ċirkustanzi li jgħinuk tikber. Dan kollu jagħmel mis-Seminarju esperjenza unika u irrepetibbli.

**Illum iktar minn qatt qabel is-saċerdot għandu sfidi kbar. X'taħseb dwar dan?**
Naħseb li kull sfida hija opportunità u l-opportunitajiet qegħdin hemm biex tisfruttahom. Is-saċerdot għandu jkun dak li joffri alternattiva għall-bniedem tal-lum li għandu ħafna minn fejn jagħżel. Din l-alternattiva għandha isem u ġġib magħha pakkett interessanti ħafna. Din hi: ĠESÙ KRISTU!

**Kif tixtieq tgħix is-saċerdozju tiegħek?**
L-ewwel u qabel kollox b'fedeltà sħiħa lejn dak li wegħedt u lejn dak li ħdimt għalih matul is-snin. Nixtieq li s-saċerdozju tiegħi jkompli jkabbar lil qalbi biex iktar tkun tixbah lil ta' Kristu u verament ikun moħħni fl-essenzjal. Nimmaġinani disponibbli għan-nies u għall-bżonnijiet tagħhom.

**X'parir tagħti lil dawk li qed jikkunsidraw it-triq tas-Seminarju?**
Tħallix il-biża' jegħlbek, aqsam is-sentimenti u dak li qed tħoss ma' xi ħadd, u ħares 'il quddiem lejn din l-avventura bħala esperjenza li ħa tlaqqgħek mal-imħabba li ma tispiċċa qatt.

**Grazzi mil-qalb lill-benefatturi kollha: lil dawk li jiftakru fis-seminaristi fit-talb tagħhom, lil dawk li joffru tbatijiethom għas-seminaristi, lil dawk li joffru l-ħin tagħhom lis-Seminarju, lil dawk li kkontribwew permezz ta' borża ta' studju jew donazzjonijiet oħra, lil dawk li offrew ikel jew riżorsi oħra lill-Komunità tas-Seminarju. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.**

*GRAZZI*